**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 19 ta’ Ottubru 2016**

**App. Nru. 354/14 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Joseph Zahra, karta ta’ l-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Lulju 2008 għall-ħabta tal-11:30am ġewwa l-għassa ta’ Birżebbuġa u fl-inħawi viċin:

(1) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xort’oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 645 Gerald Attard, PC 591 Jeandre` Grixti, PC 22 Stephen Micallef u PC 1241 Christopher Farrugia, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti;

(2) fl-istess data, lok u ħin inġurja, jew hedded jew għamel offiża fuq l-Ispettur Priscilla Caruana, PC 645 G. Attard, PS633 Frankie Sammut, PC 1241 C.

Farrugia, WPC 219 Erika Abela, PC 22 S. Micallef, PC 389 Saviour Bonnici, PC 591 J Grixti, PC 829 Alan Dougall, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(3) fl-istess data, lok u ħin ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq PC 1241 Christopher Farrugia, u dan skond kif iccertifikatu Dr. Alexandra Harney MD numru ta' reġistrazzjoni 3041, mill-klinika ta' Raħal Gdid;

(4) fl-istess data, lok u ħin ta' l-attakk jew tar-reżistenza, uża arma regolari jew ikun ħa fuqu minn qabel din l-arma bil-ħsieb li jgħin dak l-attakk jew reżistenza u jinqabad b'dik l-arma fuqu;

(5) fl-istess data, lok u ħin żamm fuqu arma bil-ponta u li taqta' mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(6) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b' xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi;

(7) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe` nuċċali tal-vista u qmis ta' l-uniformi, liema ammont ta' ħsara ma jkunx jiskorri l-elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma jkun iżjed minn mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-detriment ta' PC 1241 Christopher Farrugia u għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta;

(8) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b' għajjat, ġlied jew mod ieħor, u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku bi ksur tal-art. 338 (dd) u 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u

(9) saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCH 445 tal-għamla Nissan Micra ta' kulur abjad mingħajr liċenzja tas-sewqan, kif ukoll il-vettura ma kinitx liċenzjata mill-Awtorita` tat-Transport ta' Malta biex tintuża fit-triq u mhux inxurjata għal terzi persuni.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' l-imsemmi Joseph Zahra li huwa reċidiv u dan wara li nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'diversi sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li barra l-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta` tal-Ispettur Priscilla Caruana, PS 645 Gerald Attard u PC 1241 Christopher Farrugia;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fl-10 ta' Settembru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 96(a), 95, 221, 97, 338(bb)(dd)(ee), 325(1)(b) u 64 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 2, 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 2, 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Zahra ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu ħlief għall-imputazzjoni disgħa (9) fejn il-ħtija hija limitata biss għan-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenzja tal-vettura – filwaqt li lliberatu għal dak li jirrigwarda s-sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u li ma kienx hemm polza ta' assikurazzjoni – u kkundannatu komplessivament għal tnax-il (12) xahar priġunerija u multa ta' mitejn Ewro (€200), u ordnat wkoll il-konfiska tas-sikkina skond il-liġi.

Inoltre, peress illi dehrilha li huwa xieraq biex tipprovdi għas-sigurta` tal-Ispettur Priscilla Caruana, PS 645 Gerald Attard, PC 1241 Christopher Farrugia u WPC 219 Erica Abela, il-Qorti rabtet lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elf ewro (€1,000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellata, u dana ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-istess Joseph Zahra ppreżentat fis-16 ta' Settembru 2014 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux ħati tad-disa' imputazzjoni u tilliberah mill-bqija tal-imputazzjonijiet u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "… illi l- Ewwel Qorti ma għamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal- fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. L-appellant jinsisti li daħal l-għassa bil-kwiet u kienu l-pulizija li eskalaw is-sitwazzjoni billi kien ġie aggredit. Mill-atti kif is-soltu jkun hemm, hemm żewġ verżjonijiet opposti. La n-numru tax-xhieda u l-fatt li huma pulizija għandhom jinfluwenzaw il-Qorti fid-deċiżjoni tagħhom. Jekk il-Qorti se tibbaża liema verżjoni hija verosimili fuq il-fedina penali, allura l-Qorti għandha tikkonsidra wkoll kemm-il darba l-pulizija jiġu misjuba responsabbli għal vjolenza fuq persuni arrestati. L-appellant jista' biss joffri l-

verżjoni tal-fatti tiegħu mingħajr xhieda oħra għaliex huma kollha pulizija u wara kollox aggredewh.

"Illi l-appellant qiegħed jappella, mingħajr preġudizzju għas-suespost, mis-sentenza ta' sena priġunerija u dan stante li l-appellant qiegħed diġa` jiskonta numru ta' sentenzi ta' priġunerija u b'hekk il-Qorti setgħet tagħti sentenza alternattiva minn sentenza ta' priġunerija effettiva. Kif qalet l-Ewwel Qorti l-ħajja hija qasira u b'hekk sentenza ta' priġunerija wara l-oħra mhix ser tgħin l-appellant u lanqas is-soċjeta` in generali. Rigward il-fatt li din is-sentenza riedet tkun messaġġ lis-soċjeta` Maltija, bir-rispett kollu sentenza qatt ma għandha tieħu forma ta' *press release*, iżda l-messaġġ għandu jingħata biss lill-appellant u l-partijiet qed jitolbu ġustizzja."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Kwantu għall-fatt li, skond l-appellant, hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti, ġie diversi drabi ritenut li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata.

**7.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti, kemm dawk tal-prosekuzzjoni kif ukoll ix-xiehda ta' l-appellant stess. Huwa evidenti illi l-verżjoni ta' l-appellant tikkkontrasta ma' dik tad-diversi membri tal-Korp tal-Pulizija. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti analiżi ta' dawn il-provi:

**"Illi l-Qorti qieset sew ir-rizultanzi processwali, partikolarment id-depozizzjonijiet tal-protagonisti u ma jidhrilhiex li ghandha tiehu wisq fit-tul. Ma hemm xejn fil-process li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli temmen il-verzjoni tal-membri tal-korp tal-pulizija. Kienu qed jaghmlu xogholhom u spiccaw il-mira ta` abbuz verbali; l-imputat ma ghamilx sew li pprova jbezzaghhom bil-mod kif agixxa gewwa l-ghassa u meta kompla ghaxxaqha bil-kliem ta` theddid u bis-sikkina f'idejh. Kif jirrizulta ben tajjeb mill-atti, dan l-incident seta facilment jigi evitat kieku l-imputat dahal l-ghassa u gab ruhu sew. Sfortunatament huwa ghogbu li jeskala dan l-incident f'wiehed li allura gabu passabbli ghall-imputazzjonijiet dedotti.**

**"Din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha quddiem dawn il-provi skjaccanti. Ghamel hsara li teccedi l-€117 (ara fost ohrajn folio 52); il-licenzja tal-vettura ma kienetx imgedda izda kien hemm vigenti polza ta` assikurazzjoni (ara folio 172). Minn naha l-ohra jinghad bir-rispett illi mhux sufficjenti (ara xhieda ta` Brian Farrugia a folio 98) l-prova dwar jekk l-imputat kellux jew le licenzja tas-sewqan vigenti.**

**"Jibqa' l-fatt pero` li fuq kollox l-imputat qabad sikkina waqt li kien qed jirrezisti l-arrest, hedded lill-pulizija u aggredixxa lil wiehed minnhom fizikament u kkagunalu feriti hfief (ara folio 149). Meta dawn kienu qed jaghmlu xogholhom. Dan l-atteggjament ma hux tollerabbli f'socjeta` civili. Skond it-tabib Mario Scerri, nominat mill-Qorti biex jezamina lill-imputat meta huwa allega li gie aggredit mill-pulizija, jirrizultaw feriti kompatibbli ma uzu ta` pepper spray, girfa u tbengil bl-uzu tal-manetti (ara folio 77 et seq). Il-Qorti rat ukoll ic-certifikat mediku a folio 40. Dawn ir-rizultanzi kollha jikkonfortaw il-verzjoni tal-prosekuzzjoni."**

**8.** Effettivament mill-provi jidher illi l-inċident kellu żewġ partijiet, parti fl-għassa ta' Birżebbuġa u parti barra fil-karozza ta' l-appellant u l-inħawi tagħha. Jidher illi sakemm kien qiegħed ġewwa l-għassa, il-Pulizija ppruvaw jikkalmaw lill-appellant. L-affarijiet eskalaw meta l-appellant mar fil-karozza tiegħu u qabad sikkina f'idejh. Dan biss jista' jispjega r-reazzjoni tal-Pulizija li anke wasslet għall-użu tal-*pepper spray*. Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti għamlet analiżi tajba tal-provi miġjuba, u ma ssib l-ebda raġuni "gravi" biex b'xi mod tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tagħha. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa miċħud.

**9.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena nflitta. Ċertament il-fatt li l-appellant qiegħed jiskonta sentenzi oħra ta' priġunerija mhijiex raġuni biex ma jingħatax sentenzi oħra ta' priġunerija jekk ikun hekk mistħoqq. Inoltre ma ssib xejn x'tiċċensura fl-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti. Anzi, sejra tirriproduċihom hawn:

**"Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti qieset il-fedina penali refrattarja u voluminuza ta' l-imputat – fedina penali li turi li l-imputat ilu zmien twil jahbat mal-gustizzja u ghandu xejn anqas minn 120 kundanna bejn l-1963 u l-2008 (pieni minn ammendi sa prigunerija). L-imputat irid jifhem li l-ghawg li hakmu hu kollu kemm hu tort tieghu; ma jistax joqghod iwahhal fil-pulizija, jew fil-qrati. Hija il-ligi li taghti r-risposta lill-imputat meta dan ikollu jiffaccja lkonsegwenzi ta` ghemilu. L-imputat irid jifhem, illum li ghandu 'l fuq minn wiehed u sittin sena, li l-hajja hija qasira u ma jistax jibqa' jgib ruhu b'dan il-mod; u jrid jifhem ukoll li l-awtoritajiet qeghdin hemm biex jaghmlu xogholhom. Irid jifhem li hu jehtieg igib ruhu sew altrimenti jkollu jiffaccja l-konsegwenzi kif ser jiffaccja b'din is-sentenza, anki jekk il-Qorti ser tuza element ta' hniena mieghu billi tikkoncedi li tinfliggi piena aktar qrib il-minimu milli lejn ilmassimu li jista jlehhaq sahansitra sa aktar minn hames snin prigunerija.**

**"Il-Qorti qed tqis lill-imputat bhala recidiv fit-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta (ara s-sentenzi a folio 103 et seq).**

**"Bil-piena li ser taghti din il-Qorti, irid jintbaghat messagg illi min ikun zbalja kif zbalja l-imputat jehtieg li jifhem li ghamel hazin u jrid jinghata piena xierqa bhala deterrent; izda l-istess piena trid isservi wkoll sabiex l-**

**imputat, kemm jista jkun malajr, jinghata l-opportunita` li jirriaddestra ruhu lura fis-socjeta` bit-tama li jimbarka fit-triq it-tajba. Il-Qorti tittama li l-imputat ma jitlifx din l-opportunita` u tawguralu li jirreintegra ruhu sew fis-socjeta` wara li jiskonta t-terminu ta' prigunerija."**

**10.** Bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004:

**"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkażjoni diversi drabi li tfisser li, bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deċiżiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruħha f'xi forma ta' vjolenza fiżika."**

**11.** Għal dak li hu l-*quantum* tal-piena, peress illi din hija prattikament fil-minimu possibbli, ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li għal dak li jirrigwarda l-obbligazzjoni ai termini ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex l-appellant iżomm il-kwiet ma' l-Ispettur Priscilla Caruana, P.S. 645 Gerald Attard, P.C. 1241 Christopher Farrugia u W.P.C. 219 Erica Abela u biex jinżamm il-bon ordni (skond l-obbligazzjoni a fol. 217), il-perijodu ta' sena jibda jiddekorri millum.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur